# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 31 /2026

**Data tal-laqgħa:** 15 ta' Ġunju, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonniċi | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

**Uffiċjal Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

## 31.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

31.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qrat il-kommunikat li f'dan l-istadju ma kien l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 29 u 30

31.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 29 u 30 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Loranna Bonniċi dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

31.3.1 Intbagħat komunikazzjoni min-naħa tal-Pageant Group fejn qed isir talba biex jużaw is-sala tal-Kunsill biex jwettqu xi provi. Fuq dan kien hemm qbil unanimu mil-membri li dan jista' jsir.

31.3.2 Intbagħtet proposta sabiex flimkien mal-Animal Welfare, il-kunsilli jkunu jistgħu joffru sessjonijiet t'għarfien dwar l-ewwel għajnuna għall-annimali. Il-membri kollha tal-kunsill uru l-interess li jkunu parti minn din l-inizjattiva.

31.3.3 Sar kommunikat min-naħa tal-proġett Vjal Kulħadd fejn biex jibda l-proċess issa fadal biss Anness Ċ nin-naħa tal-perit. Dan ġie infurmat biex b'hekk ikompli l-proċċess.

31.3.4 Ħa terġa' ssir il-European Week of Regions mit- 12 sal-14 t' Ottubru li għalija ħa jattendu il-Viċi Sindku Bernice Caruana u l-kunsilliera Loranna Bonniċi u fuq dan kien hemm qbil mil-membri l-oħra.

31.3.5 Is-Sindku Mattew Agius Zammit wasal kommunikat fejn qal li hemm bżonn isir manutenzjoni u tranġar fuq l-Oqbra Puniċi u dan ikun aċċessibbli għan-nies billi titneħħa l-istruttura u jkun hemm applikazzjoni ukoll l-biċċa art żdingata.

31.3.6 Kommunikat ieħor kien rigward l-ammont ta' ġrieden li qed ikun hemm fl-akwati. Sar trattament tal-ġrieden u tqassam bosta velenu imma dan ma kienx biżżejjed.

31.3.7. Kommunikat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokai Minħabba l-istaġun tal-festi li ġej, il-Pulizija ser tkun qed tilqa' applikazzjonijiet għall-armar tal-festi, marċi, programmi mużikali u purċissjonijiet online b'mod elettroniku, minflok il-permessi li normalment kienu jsiru permezz tal-kartuna l-blu.

31.3.8 Il-Crash Barriers fi Triq San Remiġ ġew approved kemm mil-Public Works kif ukoll mil-Kuntrattur, għalhekk dawn ħa jsiru.

31.3.9 Ġewwa Triq il-Fieres saru road humps mir-residenti stress fejn kien hemmnies li wagħu u weġġgħu. Is-Sindku Matthew Agius Zammit ssuġġerixxa li dawn jitneħħew u ma' dan il-membri kollha qablu.

31. 3.10 TM mexxxew id-double yellow line kif ukoll il-parkeġġ tad-diżabli ġewwwa Triq il-Fieres. Il-Kunsill ried jagħmilha ċara li dan iċ-ċaqliq sar mil-awtoritajiet ta' TM.

## 31.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

31.4.1 F'dan l-istadju il-membri tal-Kunsill ma kellhom l-ebda mistoqsjiet .

## 31.5 Skemi it-tieni Fażi

31.5.1 Tresqet mozzjoni mis-Sinsku Matthew Agius Zammit li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku Bernice Caruana biex il-Kunsill japplika għal dawn l-iskemi:

- **SPI.SCI.04.2026** - Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
- **SPI.SCI.05.2026 -** Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità
- **SPI.SCI.06.2026** - Finanzjament - Karnival 2027

ma' dan kien qbil unanimu.

## 31.6 Gal Xlokk

31.6.1 Il-membri qablu li japplikaw għal-proġett ta GAL XLOkk taħt it-tieni skema 'Enhancement of Social and Rural Infrastructure'. L-għan ġenerali huwa li jitwettqu titjibiet ambjentali fit-territorju sabiex ikomplu jtejbu l-pajsaġġ taż-żona u l-benesseri taċ-ċittadini tagħha. Il-proġetti proposti għandhom ikunu faċilment aċċessibbli u jistgħu jintużaw mill-pubbliku ġenerali. Il-pubbliku ġenerali jinkludi persuni minn kull qasam tal-ħajja, bħal familji, studenti, anzjani u dawk li jistgħu jkunu vulnerabbli jew jiffaċċjaw ostakli fl-aċċess. Dawn il-proġetti għandhom jaqdu lill-komunità kollha u jkunu mfassla b'mod inklużiv, sabiex kulħadd ikun jista' jibbenefika minnhom

## 31.7 Liċenzji Ħaddiema tal-Kunsill

30.7.1 B'mod unanimu l-membri kollha qablu li titħallas l-applikazzjoni biex il-ħaddiema tal-Kunsill ikunu jistgħu jibdew il-proċess biex japplikw għal-Liċenzja tas-Sewqan fil- kategorija Ċ.

## 31.8 Arblu bil-bandiera ta' Ħal Kirkop

31.8.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ippropona li l-Kunsill jagħmel arblu għall-bnadar li jiġi ssitwat hekk kif toħroġ mil-mina fuq ix-xellug. Għal dan il-Kunsill ma kellu l-ebda oġġezzjoni u kien hemm qbil li jsir.

## 31.9 Rapport tal-ilmenti

31.9.1 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana irċiviet ilment fuq l-istreet Furniture li kellu jsir fejn l-iskola iżda dan għadu ma twettaqx. Is-Sindku Matthew Agius Zammit irisponda li tkellem mas-Sur Bondin biex dwn isiru la tinqala' t-triq u għalhekk sa dan l-isatdju kienu għadhom ma sarux.

31.9.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi waslet ilment dwar in-noise pollution eċċessiv li qed ikun hemm fi Pjazza Żerniq. Is-sindku Matthew Agius Zammit ikkonferma dan u ssuġġerixxa li jsir rapport biex b'hekk il-puluzija tmur dirett hemm u titiħed azzjoni immedjata b'evidenza.

31.9.3 Il-Kunsillier Jospeh Schembri wasal ilment dwra il-vandaliżmiu li qed isir fil-Housing Estate Misraħ Jeremy Bosseivan fejn issuġġerixxa li titwaħħal kamera ta' sorveljanza jew tittranġa tal-bandli biex b'hekk ikun hemm osservazzjoni iktar fil-qrib ta; dan il-vandaliżmu kollu.

.

## 31.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

31.10.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 175 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

31.10.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit resaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti SKeda numru 175 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mil-Kunsillier Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 31.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

31.11.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

31.11.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 22 ta' Lulju , 2026 fil-17:00hrs

31.11.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19.45

Kunsill Lokali Ħal Kirkop
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
**Matthew Agius Zammit**
*Sindku*

Kunsill Lokali Ħal Kirkop
parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
**Franklan Debono**
*Executive Secretary*

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

**Mozzjoni Ref:** 80/26 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-kunsill japplika għal-iskemi:

- **SPI.SCI.04.2026 -** Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali
- **SPI.SCI.05.2026 -** Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità
- **SPI.SCI.06.2026** - Finanzjament - Karnival 2027

ma' dan kien qbil unanimu.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | Bernice Caruana |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data** 15 ta' Ġunju, 2026

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 78 /26 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 175 tiġi approvata.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data** 15 ta' Ġunju, 2026

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 79 /26/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 27

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Bonniċi

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 15 ta' Ġunju , 2026

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**